
MONS SION
IN JE RUSAL



Ix-Xiħ Mislem
li jeħu ħsieb
il-Muftieħ tal-Bażilka
tal-Qabar ta' Kristu
li ħl-qedem
ingħata lil familja Għarbija
minn Saleħ id-Din.

It-Tielet Sena — LULJU - SETTEMBRU, 1957 — Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' mseħbin li, bi ħsieb wieħed ta' talb u ta' għajnuna ta' flus, jifhmu jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għall-ħarsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa tagħna, kif ukoll għat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatiċi tal-Lvant.

**Kif u meta nħolqot.**

Inħolqot, nistgħu ngħidu, mill-bidu tal-Knisja, għax nafu, li xi wħud mill-Appostli ġabru u wasslu flus lill-insara ta' Ġerusalemm. Imma f'sura ta' xirka ġiet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-ħidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u ġiet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li għanija bi kbir ġid tar-ruħ, fis-sena 1894.

Għan ewlieni tagħha hu, li:

a) tgħin bit-talb, bil-flus u bil-ħidma għaż-żamma, għall-kisba u għall-ħarsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) taħdem kemm tista' għax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, għat-tixrid taċ-ċiviltà, għat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u għall-għaqda bejn l-Insara.;

ċ) tgħaqqad Xirka qawwija għal dan il-għan qaddis minn għadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani, li minn 7 sekli ilhom jaħdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imseħbin.**

Imseħbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' għajnuna ta' flus għall-ħtiġijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew għal sena biss, u l-ħlas ikun ta' xelin (1/-), jew għal dejjem, perpetwu, u l-ħlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistgħu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatriċi.**

Huma l-irġiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jiġbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jaħsbu jibgħatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Ġid tar-ruħ mogħti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieħeb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tgħakkis, pellegrinaġġi u għamil ieħor ta' ħniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulġenza Plenarja fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u fil-ħin tal-mewt.

3. Indulġenzi oħra Parzjali, huma mgħotija għal kull nhar ta' Ġimgħa.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jħabirku għall-Opra Pija hi mogħtija s-setgħa li jbierku l-Kurċifissi bl-għoti ta' l-Indulġenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Franġisk. (Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa għal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatriċi.**

Indulġenza Plenarja speċjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

It-Tielet Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1957 | Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Is-Sliem Għalik, Sultana! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 66

### L-Ewwel Taqsima — DAWL

Il-Waqgħa ta' Ġerusalem (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 67
Il-Familja Lhudija (P. Gwidu Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... ... 71
Il-Bieb u l-Muftieħ tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu (Ben Jeħuża) ... ... 74
Ir-Re Ħusejn I tal-Ġordanja (Għisa Abu Faraġ) ... ... ... ... ... 76

### It-tieni Taqsi&a — IMĦABBA

Qtigħ ir-Ras ta' San Ġwann (P. Valentin Cardona, O.F.M.) ... ... ... 79
Sancia — Sultana ta' Napli (P. Marjanu Vella, O.F.M.) ... ... ... ... 81
Fuq il-Għatba tal-Ġenna (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... 83
Kif ħmar daħal il-Ġenna ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85
Qwiel tal-Palestina ... ... ... ... ... ... ... ... ... 86
Lapsi f'Ġerusalem (Patri Pawl) ... ... ... ... ... ... ... 87
L-Erwieħ tal-Bjar u tal-Għejjun (Patri Ubertinu Berti,O.F.M.) ... ... ... 90
Salve Regina — Bil-Palestin u bil-Malti ... ... ... ... ... ... 92

### Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... 93
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 94

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# IS-SLIEM GĦALIK, SULTANA!

*Xi tkun Sultana? Tingħad Sultana dik li tkun l-aqwa mara tal-pajjiż. Dik il-mara li fost in-nisa ta' dik l-art, ikollha aktar mill-oħrajn kull ħaġa magħduda b'tajba: ġmiel, ġid, għaxqiet; palazzi kbar, imgħammra mill-isbaħ; ġonna wesgħin, imżejna b'siġar ta' kull xorta. Ilma ġieri, ħmiemel bil-ward ta' kull lewn u sura. Hi tamar għal kulħadd, u ħadd ma jamar għaliha. In-nisa l-oħra jfaħħruha bi lsienhom, għax jibżgħu minnha u jmaqdruha f'qalbhom, għax jgħiru għaliha.*

*Ġib quddiem għajnejk lis-Sultana, fuq it-Tron tal-kobor tagħha: taħt tużell aħmar, bil-frenez tad-deheb, ġewwa sala bl-art u l-ħitan tar-rħam u s-saqaf tal-għewwied taċ-ċedri, imdawwla b'linef tal-kristall. Liebsa lbies tal-bellus; ħnienaq tal-ġawhar f'għonqha; fuq rasha klil jilma bil-fosos ta' ħaġar siewi. Imnabbra, b'ħarsitha tibri. Imdawwra bix-xebbiet liebsin il-ħarir, bil-qegħda fuq it-taraġ ta' manbarha. Twapet ħoxnin fl-art b'titriż mill-isbaħ. Kenûn tal-marmar b'duħħan ifuħ tiela' minnu. Kollox ġmiel. Kollox kobor. Kollox hena.*

*U fl-aħħar is-Sultana tmut. U tindifen u titħassar. Titmermer, issir trab. U kull ħadd jinsieha!*

* * *

*Imma kien hemm Sultana fid-dinja li ma kellha xej minn dana kollu. U kienet Sultana kbira! Mhux Sultana t'art waħda, imma Sultana tal-artijiet kollha. Il-palazz tagħha kien naqra ta' gorboġ tas-sejjieħ u għar żgħir ma' ġenbu. Il-ġnien tagħha ħammiela waħda, ħada l-bieb, b'xitla tan-nagħniegħ u oħra tal-ħabaq, fiha. It-tron tagħha, xriek tal-ħaġar. Il-linef, imnâra u musbieħ tal-fuħħar, bil-ftila. Il-għemara? Qarraba taż-żejt, borma u kenun tal-ħaġar. Għarbiel tat-tqiq u żinġla. Ħabel marbut minn ħajt għal ħajt, bi ftit ħwejjeġ qodma fuqu. Il-miel tagħha kollu: żewġ nagħġiet. It-tajfa tagħha: raġel xiħ u Tifel ċkejken. Hi tagħġen u taħbeż... hi taħsel u traqqa', Hi tagħmel il-qadi tad-dar kollu. Ħadd min-nisa l-oħra ma jqisha; ħadd ma jitkellem fuqha.*

*Imma kienet tas-sew Sultana! Sultana tal-Faqar, Sultana tas-Safa, Sultana tal-Qdusija! Għax Binha, Dak it-Tifel ċkejken li kien imur jirgħalha n-nagħaġ, kellu jixgħel id-Dawl fid-dinja. Imħabba fih xorbot sal-qiegħ il-kies tal-aħarr imrar... imma bis-saħħa Tiegħu, wara nagħsa ħafifa u ħin qasir fil-Qabar, kienet imtellgħa s-Sema, biex ma' Binha tissieħeb fil-Glorja, għal dejjem!*

*Is-Sliem għalik, mela, ja Sultana!... Oqgħod fuq it-Tronn dejjiemi tas-Sebħ Tiegħek! Għalik ma hemmx aktar hemm; ma hemmx aktar dwejjaq. Kellek minhom biż-żejjed fid-dinja. Ithenna issa mal-Iben Teigħek, is-Sultan ta' kollox u kull ħadd, għal dejjem ta' dejjem.*

*Imma, ja Sultana, iftakar li Int Ommna! Ħares ħarsa ħanina lejna, imsejkna wlied tiegħek. Aħna, li ninsabu minfijin f'dan il-wied tad-dmugħ. Imdawwrin bil-għedewwa, għassa tagħna, bi snienhom mikxufa u dufrejhom misnuna, biex jaħtfuna. Ħarisna minnhom, Mamma tagħna! Uri s-saħħa tiegħek u tħallihomx jagħmlulna ħsara. Fik nittamaw. Lejk dejjem ħarsitna, nistennew il-ħniena. Għax Int il-ħajja, il-ħlewwa, u t-tama tagħna!*

ID-DIREZZJONI.